

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Frar 2013

**L-investment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ**

(2013/112/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-rispett għad-dinjità umana huwa valur bażiku tal-Unjoni Ewropea, li l-miri tagħha jinkludu li tpoġġi fuq quddiem il-benessri ta' niesha; jeħtieġ li l-Unjoni tħares id-drittijiet tat-tfal, tiġġieled l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, iġġib 'il quddiem il-ġustizzja soċjali u l-ħarsien;
- (2) Fil-maġġoranza l-kbira tal-pajjiżi tal-UE t-tfal<sup>(1)</sup> qegħdin f'iżjed riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali mill-popolazzjoni ġenerali; it-tfal li jitrabbew fil-faqar jew fl-esklużjoni soċjali għandhom inqas probabbiltà mill-pari tagħhom li jkunu aktar għonja, li jmorru tajjeb fl-iskola, ikunu fsahhithom u jirrealizzaw il-potenzjal sħiħ tagħhom aktar 'il quddiem;
- (3) Il-prevenzjoni tat-trażmissjoni tal-iżvantaġġi minn ġenerazzjoni għal oħra hija investment kruċjali fil-futur tal-Ewropa, kif ukoll kontribut dirett għall-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'benefiċċji fit-tul għat-tfal, għall-ekonomija u għas-soċjetà b'mod ġenerali;
- (4) L-intervent u l-prevenzjoni bikrija huma essenzjali għall-iżvilupp ta' politiki aktar effettivi u effiċjenti, minħabba li l-infiq pubbliku biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-faqar u l-esklużjoni soċjali tat-tfal ikun iżjed minn dak li jinħtieġ għall-intervent fetà żgħira;
- (5) Li nieħdu ħsieb l-iżvantaġġi għaż-żgħar huwa mezz importanti biex inżidu l-isforzi tagħna biex nindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali b'mod ġenerali. Il-prevenzjoni hija miksuba bl-aktar mod effettiv permezz ta' strateġiji integrati li jlaqqgħu flimkien is-sostenn tal-ġenituri fl-aċċess għas-suq tax-xogħol u d-dħul issuesidjat mal-aċċess għal servizzi li huma essenzjali għar-riżultat aħħari fit-tfal, bħal edukazzjoni (ta' qabel l-iskola proprja) ta' kwalità, is-saħħa, l-akkomodazzjoni u s-servizzi soċjali,

kif ukoll opportunitajiet ta' parteċipazzjoni u biex jutilizzaw id-drittijiet tagħhom, li jgħinu lit-tfal biex jilhqqu l-potenzjal kollu tagħhom u jikkontribwixxu għar-reżiljenza tagħhom;

- (6) L-iżjed strateġiji li jirnexxilhom jindirizzaw il-faqar tat-tfulija nstab li kienu daww mirfuda minn politiki li jtejbu l-benessri tat-tfal kollha, filwaqt li jieħdu ħsieb b'mod speċjali lit-tfal li jkunu fsitwazzjonijiet partikolarment vulnerabli;
- (7) Il-promozzjoni tal-ugwaljanza tas-sessi, l-integrazzjoni tas-sessi u l-opportunitajiet ugwali, kif ukoll il-għieda kontra d-diskriminazzjoni li jiffaċċjaw it-tfal u l-familji tagħhom għar-raġunijiet kollha (b'mod partikolari daww marbutin ma' sess, ma' oriġini razjali jew etnika, mar-reliġjon jew it-twemmin, mad-diżabbiltajiet, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali) għandhom jirfdu kull sforz li jsir biex nindirizzaw il-faqar fit-tfulija u l-esklużjoni soċjali;
- (8) Il-kriżi kurrenti finanzjarja u ekonomika qed ikollha impatt serju fuq it-tfal u l-familji, u hemm żieda fil-proporzjon ta' daww li qed jgħixu fil-faqar u fl-esklużjoni soċjali f'għadd ta' pajjiżi;
- (9) L-isforzi lejn il-konsolidazzjoni tal-baġit minħabba diffikultajiet fiskali f'għadd ta' pajjiżi jippreżentaw sfidi sinifikanti biex jiġi żgurat li l-politiki soċjali jibqgħu adegwati u effettivi kemm fuq medda ta' żmien twil, kif ukoll fuq medda ta' żmien qasir;
- (10) Il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE li ilha għaddeja aktar minn għaxar snin wasslet għal fehim komuni tad-determinanti tal-faqar fit-tfulija permezz ta' ħidma sostanzjali fl-iżvilupp ta' indikaturi xierqa ta' monitoraġġ, fl-identifikazzjoni tal-isfidi komuni u f'approċċi politiċi li jirnexxu, u dan ta' spinta politika lill-kwistjoni; sussegwentement, il-Kummissjoni ħabbret l-adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni dwar il-Faqar fit-Tfulija fil-Komunikazzjoni dwar il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali<sup>(2)</sup>;
- (11) L-Istrateġija Ewropa 2020 tat-spinta ġdida lill-isforzi biex jiġu indirizzati l-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-UE billi

<sup>(1)</sup> B'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, f'dan il-kuntest huwa miqgħum li t-tfal huma persuni taħt l-età ta' 18-il sena.

<sup>(2)</sup> COM(2010) 758 finali.

ffissat mira komuni Ewropea biex jitnaqqsu n-nies fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali b'minn tal-inqas 20 miljun sal-2020, minbarra li qed iżżid l-isforzi biex tindirizza t-tluq bikri mill-iskola. L-indirizzar u l-prevenzjoni tal-faqar fit-tfulija huma parti essenzjali tal-isforzi tal-UE u tal-Istati Membri f'dan ir-rigward, u jiffurmaw parti mill-Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni Soċjali;

- (12) Il-governanza kurrenti skont is-Semestru Ewropew isservi biex tiżgura l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi rilevanti biex jiġi miġġieled il-faqar fit-tfulija u jittejjeb il-benessri tat-tfal;
- (13) L-Istati Membri kollha tal-UE rratifikaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (United Nations Convention on the Rights of the Child — UNCRC). L-istandards u l-prinċipji tal-UNCRC iridu jibqgħu jiggwidaw il-politiki u l-azzjonijiet tal-UE li għandhom impatt fuq id-drittijiet tat-tfal;
- (14) Permezz tar-rapport ta' konsulenza u l-messaġġi ewlenin tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali ta' Ġunju 2012, kif ukoll tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-EPSCO (Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarjiet tal-Konsumatur) "Preventing and tackling child poverty and social exclusion and promoting children's well-being" <sup>(1)</sup>, l-Istati Membri affermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom u laqgħu l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tadotta Rakkomandazzjoni dwar din il-kwistjoni;
- (15) Diversi politiki tal-UE indirizzaw kwistjonijiet marbutin mal-faqar fit-tfulija u t-trażmissjoni tal-iżvantaġġi minn ġenerazzjoni għal oħra, b'mod partikolari fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, tas-saħħa, tad-drittijiet tat-tfal u tal-ugwaljanza bejn is-sessi <sup>(2)</sup>;
- (16) Filwaqt li l-politiki li jindirizzaw il-faqar fit-tfulija huma primarjament kompetenza tal-Istati Membri, qafas komuni Ewropew jista' jsaħħaħ is-sinerġiji fuq firxa ta' oqsma politiċi rilevanti, jgħin lill-Istati Membri biex jirrevedu l-politiki tagħhom u jitgħallmu mill-esperjenzi ta' xulxin, filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet diversi fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali;

- (17) Fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali li ġej, din il-gwida tista' tipprovi wkoll bażi għal aktar kooperazzjoni u fokus għall-użu tal-istrumenti finanzjarji rilevanti, b'mod partikolari l-Fondi Strutturali, biex jinkiseb l-għan propost ta' "Promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-għieda kontra l-faqar".

TIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI: Jorganizzaw u jimplimentaw il-politiki biex jindirizzaw il-faqar fit-tfulija u l-esklużjoni soċjali, filwaqt li jippromwovu l-benessri tat-tfal, permezz ta' strateġiji multidimensjonali, skont il-linji gwida li ġejjin:

### 1. JIGGWIDAW RUĦHOM B'DAWN IL-PRINĊIPJI ORIZZONTALI

- Jindirizzaw il-faqar fit-tfulija u l-esklużjoni soċjali permezz ta' strateġiji integrati li jmorru lil hinn milli jiżguraw is-sigurtà materjali u jippromwovu l-opportunitajiet indaqs biex it-tfal kollha jkunu jistgħu jirrealizzaw il-potenzjal sħiħ tagħhom;
- Jindirizzaw il-faqar fit-tfulija u l-esklużjoni soċjali minnaħa tad-drittijiet tat-tfal, b'mod partikolari billi jirreferu għad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u jiżguraw li dawn id-drittijiet jiġu rispettati, imħarsa u mwettqa;
- Dejjem iqisu l-ewwel l-aħjar interessi tat-tfal u jirrikonoxxu li t-tfal huma detenturi tad-drittijiet indipendenti, filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza li jsostnu l-familji li huma l-ewwel nies li jindukraw lit-tfal;
- Iżommu bilanċ xieraq bejn il-politiki universali, li jkunu mmirati biex jippromwovu l-benessri tat-tfal kollha, u approċċi ffokati li jimmiraw li jsostnu lil dawk li huma l-aktar żvantaġġati;
- Jiżguraw attenzjoni fuq dawk it-tfal li qegħdin friskju akbar minħabba haġna żvantaġġi, bħal tfal Roma, tfal migranti jew ta' minorità etnika, tfal bi bżonnijiet speċjali jew b'diżabbiltajiet, tfal taħt trobbija alternattiva u tfal tat-triq, tfal ta' ġenituri li qegħdin il-ħabs, kif ukoll tfal ta' familji li qegħdin friskju partikolari ta' faqar, bħalma huma familji b'ġenitur wieħed jew familji kbar;
- Ikomplu tul iż-żmien bl-investment fit-tfal u fil-familji, billi jipprevedu l-kontinwità tal-politiki u l-ippjanar fuq medda ta' żmien twil; jivvalutaw il-mod li bih ir-riformi tal-politiki jaffettwaw lil min hu l-aktar żvantaġġat u jieħdu l-passi biex itaffu kull effett negattiv.

<sup>(1)</sup> Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, rapport ta' konsulenza tal-KPS għall-Kummissjoni Ewropea dwar l-indirizzar u l-prevenzjoni tal-faqar fit-tfulija, u l-promozzjoni tal-benessri tat-tfal, 27 ta' Ġunju 2012.

<sup>(2)</sup> Ara b'mod partikolari: Qafas strateġiku aġġornat għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ, COM(2008) 865 finali; is-Solidarjetà fis-saħħa: it-tnaqqis tal-ugwaljanzi fis-settur tas-saħħa fl-UE, COM(2009) 567 finali; Aġenda tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, COM(2011) 60 finali; Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015, COM(2010) 491 finali.

## 2. JIŻVILUPPAW STRATEĠIJI INTEGRATI BBAŻATI FUQ TLIET PILASTRI EWLENIN

### 2.1. L-aċċess għal riżorsi adegwati

#### **Isostnu l-parteċipazzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol**

— Jirrikonoxxu r-rabta qawwija bejn il-parteċipazzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal, u skont il-prinċipji mniżżlin fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Inklużjoni Attiva <sup>(1)</sup> u l-miri ta' Barcellona <sup>(2)</sup>, iwettqu l-miżuri kollha possibbli biex jappoġġaw il-parteċipazzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għal dawk li qegħdin 'il bogħod mis-suq tax-xogħol u li qegħdin f'familji friskju partikolari:

— Jiżguraw li f'għajnejn in-nies, ix-xogħol jagħti frott tajjeb billi jidentifikaw u jieħdu ħsieb id-disinċentivi li jiffaċċaw il-ġenituri meta jkunu se jidħlu fis-suq tax-xogħol, jew jibqgħu fih jew jipprogressaw fih, inklużi dawk marbutin mat-tfassil u l-interazzjoni ta' sistemi ta' taxxi u benefiċċji;

— Isostnu l-impjegabbiltà u l-parteċipazzjoni fix-xogħol li jitħallas tal-ġenituri li jkunu waħedhom u ta' membri tal-familji li jkunu t-tieni sors ta' dħul, billi jipromwovu l-ugwaljanza tas-sessi fis-suq tax-xogħol u fir-responsabbiltajiet tal-familja;

— Jipprovdu sostenn aħjar għall-integrazzjoni mill-ġdid tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol wara li jkunu ħadu l-liv tal-ġenituri permezz ta' miżuri dwar taħriġ u appoġġ fit-tfittxija ta' impjieg, u jiffukaw speċifikament fuq dawk li jkunu friskju partikolari;

— Iżidu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw li l-familji kollha, inklużi dawk li jinstabu f'qagħda vulnerabbli u dawk li joqogħdu f'żoni żvantaġġati, ikollhom aċċess effettiv għall-edukazzjoni u l-kura tat-tfal żgħar ta' kwalità li jkunu għal but ta' kulħadd;

— Jaddattaw it-tfassil u l-kriterji tal-eliġibbiltà tas-servizzi għall-indukrar tat-tfal għal mudelli dejjem iżjed diversi ta' ħinijiet tax-xogħol, b'hekk ikunu qed jgħinu lill-ġenituri jżommu l-impenji tax-xogħol jew isibu impjieg filwaqt li jkunu qed iżommu fil-mira l-aħjar interessi tat-tfal;

— Jipromwovu l-impjieg inklużiv ta' kwalità u ambjent ta' xogħol li jippermetti lill-ġenituri jiksbu bilanċ bejn ix-xogħol u r-rwol ta' ġenitur, anki permezz ta' liv tal-ġenituri, appoġġ fuq il-post tax-xogħol u arranġamenti tax-xogħol flessibbli.

**Jipprovdu standards tal-għajxien xierqa permezz ta' għadd ta' benefiċċji** – Jagħmluha possibbli li t-tfal igawdu

standards ta' għajxien xierqa li jkunu kompatibbli ma' ħajja dinjituża permezz tal-aħjar taħlita ta' għotjiet ta' flus kontanti u in natura:

— Isostnu d-dħul tal-familji permezz ta' benefiċċji adegwati, koerenti u effiċjenti li jinkludu inċentivi fiskali, benefiċċji tal-familja u tat-tfal, benefiċċji fuq l-akkommodazzjoni u skemi tad-dħul minimu;

— Jikkomplementaw l-iskemi ta' dħul kontanti b'benefiċċji *in natura* marbutin b'mod partikolari man-nutrizzjoni, l-indukrar tat-tfal, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-akkommodazzjoni, it-trasport u l-aċċess għal attivitajiet sportivi jew soċjokulturali;

— Jiżguraw li t-tfassil tas-sostenn finanzjarju għat-tfal u l-eliġibbiltà għalih jirriflettu l-iżvilupp tal-arranġamenti għall-għajxien u jipprovdu distribuzzjoni xierqa fost il-faxex kollha tad-dħul;

— Joħolqu aċċess aktar effettiv għall-benefiċċji li għalihom ikunu intitolati t-tfal jew il-familji tagħhom billi jiffaċilitaw l-użu u jiżviluppaw servizzi li jilhqqu lill-benefiċċjarji

— Jipprovdu benefiċċji skont il-mezzi jew benefiċċji oħrajn aktar immirati b'mod li jevita l-istigmatizzar, jagħraf id-differenzi bejn il-bżonnijiet ta' tfal differenti u jnaqqas ir-riskju ta' nasbiet ta' faqar filwaqt li jevita l-ħolqien ta' diżinċentivi għax-xogħol għal dawk li jistgħu jkunu t-tieni sors ta' dħul u l-ġenituri li qed irabbu t-tfal mingħajr sieħeb/sieħba;

— Jużaw id-diskrezzjoni meta jagħmlu l-benefiċċji tal-familja jiddependu fuq l-imġieba tal-ġenituri jew l-attenzenza tat-tfal fl-iskola, u jivvalutaw l-impatt potenzjalment negattiv ta' miżuri bħal dawn;

— Jistabbilixxu mekkaniżmi tal-provvista tal-benefiċċji li jkunu regolari u responsivi li jagħtu koperta massima u li jkunu l-aktar ta' benefiċċju għat-tfal, bħal pagamenti bil-quddiem.

### 2.2. Aċċess għal servizzi ta' kwalità għall-but ta' kulħadd

**Inaqqsu l-inugwaljanza minn età żgħira billi jinvestu fl-edukazzjoni u l-indukrar tat-tfal żgħar** — Ikomplu jiżviluppaw l-inklużjoni soċjali u l-potenzjal tal-iżvilupp tal-edukazzjoni u l-indukrar tat-tfal iż-żgħar, u jużawhom bħala investment soċjali biex jindirizzaw l-inugwaljanza u l-isfidi li jridu jiffaċċjaw it-tfal żvantaġġati permezz ta' intervent bikri:

— Jipprovdu aċċess għal edukazzjoni u indukrament tat-tfal żgħar li tkun ta' kwalità tajba u inklużiva; jiżguraw li din tkun affordabbli u jaddattaw il-provvista skont il-bżonnijiet tal-familji;

<sup>(1)</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tal-persuni esklużi mis-suq tax-xogħol.

<sup>(2)</sup> Il-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Barcellona, 15-16 ta' Marzu 2002, SN 100/1/02 REV 1.

- Jincientivaw il-parteċipazzjoni tat-tfal li jkunu minn familji żvantaġġati (b'mod speċjali dawk ta' taħt l-età ta' tliet snin), tkun xi tkun il-qagħda tal-ġenituri rigward is-suq tax-xogħol, filwaqt li jevitaw l-istigmatizzar u s-segregazzjoni;
- Jappoġġjaw lill-ġenituri fir-rwol tagħhom bħala edukaturi ewlenin tat-tfal tagħhom fis-snin bikrin u jħeġġu lis-servizzi tal-edukazzjoni u l-indukrar tat-tfal biex jaħdmu mill-qrib mal-ġenituri u atturi komunitarji li jkunu involuti fit-trobbija tat-tfal (bħas-servizzi ta' sostenn tas-saħħa u tat-trobbija tat-tfal);
- Jissensibilizzaw aktar lill-ġenituri dwar il-benefiċċji tal-parteċipazzjoni fi programmi tal-edukazzjoni u l-indukrar għat-tfal u għalihom stess; Jużaw is-servizzi tal-edukazzjoni u l-indukrar tat-tfal iż-żgħar bħala sistema ta' twissija bikrija biex jidentifikaw problemi fiżiċi jew psikoloġiċi marbutin mal-familja jew mal-iskola, b'żonnijiet speċjali jew każi ta' abbuż.

**Itejbu l-impatt tas-sistema edukattiva fuq l-opportunitajiet indaqs – Iżidu l-abilità tas-sistemi tal-edukazzjoni** li jiksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ, u jiżguraw li jkunu jistgħu jibbenefikaw it-tfal kollha minn edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għolja li għib 'il quddiem l-iżvilupp emozzjonali, soċjali, konjittiv u fiżiku tagħhom:

- Jipprevedu l-inklużjoni tal-istudenti kollha, fejn hemm b'żonn billi jimmiraw għal riżorsi u opportunitajiet għal dawk li huma aktar żvantaġġati, u jissorveljaw ir-riżultati b'mod xieraq;
- Jirrikonoxxu u jindirizzaw id-disparitajiet spazjali fid-disponibilità u l-kwalità tal-edukazzjoni offruta u fl-eżiti edukattivi; irawmu l-politiki li jneħħu s-segregazzjoni u li jsaħħu l-edukazzjoni komprensiva;
- Joħolqu ambjent ta' tagħlim inklużiv billi jsaħħu l-għaqda bejn l-iskejjel u l-ġenituri, u fejn hemm b'żonn jipprovdu appoġġ personalizzat li jikkumpensa l-iżvantaġġi, pereżempju permezz ta' taħriġ għall-ġenituri ta' tfal migranti u tfal ġejjin minn minoritajiet etniċi;
- Jindirizzaw l-ostakli li jwaqqfu jew ifixklu lit-tfal b'mod serju milli jattendu jew ikomplu l-iskola (bħalma huma drittijiet finanzjarji addizzjonali fl-edukazzjoni obbligatorja) billi jipprovdu l-għajnuna edukattiva mmirata f'ambjent ta' tagħlim li jkun ta' sostenn;
- Itejbu l-prestazzjoni tal-istudenti li jkollhom ħilet bażiċi batuti billi jirrinfurzaw it-tagħlim tal-qari u l-kitba, l-għadd u l-matematika u x-xjenza bażiċi, u jiżguraw li dawk li huma batuti fit-tagħlim jiġu identifikati b'mod bikri;
- Jiżviluppaw u jimplementaw politiki komprensivi li jipprevedu miżuri preventivi, interventivi u kompensatorji biex inaqqsu l-għadd ta' studenti li jabbandunaw l-iskola qabel il-waqt; jiżguraw li dawn il-politiki jinkludu l-miżuri għal dawk li huma fir-riskju li jtilqu mill-iskola qabel il-waqt;
- Isaħħu l-leġiżlazzjoni favur l-ugwaljanza u jggarantixxu d-dritt bażiku lill-istudenti l-aktar marġinalizzati li jiksbu kwalifika minima ta' kwalità;
- Jirrevedu u jsaħħu l-profil professjonali tal-għalliema kollha u jippreparaw lill-għalliema għad-diversità soċjali; iħaddmu medjaturi kulturali speċjali u mudelli ta' eżempju biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tar-Roma u ta' tfal ġejjin minn kuntest ta' immigrazzjoni.

**Itejbu r-rispons tas-sistemi tal-kura tas-saħħa biex jindirizzaw il-b'żonnijiet ta' tfal żvantaġġati** — Jiżguraw li t-tfal kollha jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mid-dritt universali tagħhom għall-kura tas-saħħa, **anki permezz ta' prevenzjoni ta' mard u l-promozzjoni tas-saħħa, kif ukoll permezz tal-aċċess għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità:**

- Jindirizzaw it-tfixkil għall-aċċess għall-kura tas-saħħa li jiffaċċjaw tfal u familji f'qagħdiet vulnerabbli, li jinkludu l-ispejjeż, l-ostakli kulturali u lingwistiċi u n-nuqqas ta' informazzjoni; itejbu t-taħriġ ta' min jagħti l-kura tas-saħħa f'dan ir-rigward;
- Jinvestu fil-prevenzjoni, b'mod partikolari matul is-snin bikrin tat-tfulija, billi jstabbilixxu politiki komprensivi li jikkumbinaw in-nutrizzjoni, is-saħħa, l-edukazzjoni u miżuri soċjali;
- Jindirizzaw it-tendenzi ħżiena ta' min ikollu stil ta' ħajja li ma tippromwovix is-saħħa u min jabbuża mis-sustanzi billi jagħtu aċċess lit-tfal kollha għal dieta bilanċjata u attivita' fiżika;
- Jagħtu attenzjoni speċjali lil tfal b'diżabbiltajiet jew bi problemi mentali, lil-tfal mingħajr dokumenti jew tfal mhux reġistrati, lil adolexxenti li jkunu se jkollhom it-trabi u lil tfal ġejjin minn familji li jkollhom storja ta' abbuż ta' sustanzi.

**Jipprovdu akkomodazzjoni u ambjent ta' għajxien siguri, u xierqa** — Jippermettu lit-tfal li jgħixu u jitrabbew f'ambjent sigur, san u favur it-tfal li jsostni l-b'żonnijiet tagħhom ta' żvilupp u ta' tagħlim:

- Joffru l-possibilità lill-familji bit-tfal li jgħixu f'akkomodazzjoni li jistgħu jaffordjaw u ta' kwalità tajba (anki akkomodazzjoni soċjali), jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' esponiment għal perikli ambjentali, iffullar żejjed u skarsezza ta' enerġija;

- Isostnu l-familji u t-tfal fir-riskju li jspiċċaw mingħajr dar billi jevitaw l-iżgumbrament, il-ġarr bla bżonn minn post għal ieħor, is-separazzjoni mill-familji kif ukoll jipprovdu protezzjoni temporanja u soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni iktar fit-tul;
- Waqt l-ippjanar lokali, jagħtu attenzjoni lill-aħjar interessi tat-tfal; jevitaw il-formazzjoni ta' gettos u s-segregazzjoni billi jippromwvu taħlita soċjali fl-akkomodazzjoni kif ukoll aċċess adegwat għat-trasport pubbliku;
- Inaqqsu l-esponiment dannuż għat-tfal ta' ambjent ta' għajxien u soċjali li qed jiddeterjora, biex dawn ma jisfawx vittmi ta' vjolenza u abbuż.

**Itejbu s-sostenn tal-familji u l-kwalità ta' kuntesti ta' kura alternattiva** — Isaħħu l-protezzjoni tat-tfal u s-servizzi soċjali fil-qasam tal-prevenzjoni; jgħinu lill-familji biex jiżviluppaw ħiliet tat-trobbija b'mod li ma jistigmatizzahomx, filwaqt li jiżguraw li t-tfal li jinħarġu minn taħt l-indukrar tal-ġenituri jitrabbew f'ambjent li jissodisfa l-bżonnijiet tagħhom:

- Jiżguraw li l-faqar qatt ma jkun l-unika ġustifikazzjoni biex it-tfal jinħarġu mill-indukrar tal-ġenituri; jimmiraw li jgħinu lit-tfal li jibqgħu taħt l-indukrar tal-ġenituri tagħhom jew li jirritornaw lura għalih billi, pereżempju, jieħdu azzjoni kontra l-privazzjoni materjali;
- Jiżguraw kontroll xieraq ta' aċċess biex jevitaw li t-tfal jiddaħħlu f'istituzzjonijiet, u jistipulaw li jkun hemm reviżjonijiet regolari meta dan isir;
- Iwaqqfu t-tweżsiegħ ta' kuntesti ta' indukrar istituzzjonalizzati għat-tfal li mhumix induktrati mill-ġenituri tagħhom; minflok dan, jippromwvu l-indukrar ibbażat fuq il-komunità u fi ħdan il-familji, fejn leħen it-tfal jingħata widen;
- Jiżguraw li t-tfal li ma jkunux induktrati mill-ġenituri tagħhom ikollhom aċċess għal servizzi ta' kwalità (kemm daww ġenerali kif ukoll daww aktar speċifiċi) fejn għandu x'jaqsam mas-saħħa, l-edukazzjoni, l-impjieġ, l-assistenza soċjali, is-sigurtà u l-akkomodazzjoni tagħhom, anki waqt li jkun qed jipprograwwaw mill-istat tat-tfulija għal dak tal-adulti;
- Jipprovdu sostenn xieraq għat tfal li jibqgħu fil-pajjiż meta ġenitur wieħed jew it-tnejn li huma jemigraw lejn pajjiż ieħor biex jaħdmu, kif ukoll għal min ikun qed jieħu ħsiebhom minflok il-ġenituri.

### 2.3. Id-dritt tat-tfal li jipparteċipaw

**Jappoġġaw il-parteċipazzjoni tat-tfal kollha fil-logħob, fir-rikreazzjoni, u f'attivitajiet sportivi u kulturali** — Jirrikonoxxu l-influenza tat-tfal stess fuq il-benessri

tagħhom u r-reżiljenza tagħhom biex jegħlbu sitwazzjonijiet ħżiena, b'mod partikolari billi jipprovdu l-oppurtunitajiet li jipparteċipaw f'attivitajiet ta' tagħlim informali li jseħħu barra mid-dar u wara l-ħinijiet tal-iskola:

- Jindirizzaw id-diffikultajiet bħalma huma spejjeż, aċċess u differenzi kulturali biex jiżguraw li t-tfal kollha jkun jistgħu jipparteċipaw fil-logħob, fir-rikreazzjoni, u f'attivitajiet sportivi u kulturali barra mill-iskola;
- Jipprovdu postijiet siguri fl-ambjent tat-tfal u jostnu lill-komunitajiet żvantaġġati permezz ta' inċentivi speċifiċi;
- Jinkoraġġixxu lill-iskejjel, lill-atturi komunitarji u lill-awtoritajiet lokali biex joħolqu attivitajiet ta' wara l-iskola u faċilitajiet aħjar għat-tfal kollha, mingħajr differenzi minħabba l-qagħda tax-xogħol u l-kuntest tal-ġenituri;
- Jippermettu li l-familji kollha jkun jistgħu jipparteċipaw f'attivitajiet soċjali li jtejbu l-ħiliet ta' trobbija tagħhom u jrawmu l-komunikazzjoni pożittiva fil-familja;
- Jippromwvu approċċi għall-parteċipazzjoni li jkomplu jibnu fuq il-potenzjal tal-volontarjat komunitarju u jrawmu s-solidarjetà fost il-ġenerazzjonijiet.

**Jistabbilixxu mekkaniżmi li jippromwvu l-parteċipazzjoni tat-tfal fit-teħid ta' deċiżjonijiet li jaffettwawhomm ħajjithom** — jagħtu l-oppurtunità u jinkoraġġixxu lit-tfal biex jesprimu l-fehmiet tagħhom ibbażati fuq l-għarfien, filwaqt li jiżguraw li dawn il-fehmiet jitqiesu b'mod xieraq u jkun riflessi fid-deċiżjonijiet ewlenin li jaffettwawhom:

- Jużaw l-għodda eżistenti biex jinvolvu lit-tfal fit-tweżtieq ta' servizzi bħall-indukrar, il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, kif ukoll biex jikkonsultawhom fl-ippjanar ta' politiki permezz ta' mekkaniżmi addattati għall-età tagħhom, u jkomplu jiżviluppaw din l-għodda;
- Jappoġġaw l-involvement tat-tfal kollha fi strutturi eżistenti ta' parteċipazzjoni; jilhqnu lit-tfal minn kuntesti żvantaġġati u jappoġġaw il-parteċipazzjoni tagħhom;
- Jinkoraġġixxu lill-professjonisti li jaħdmu mat-tfal u għat-tfal biex jinvolvuhom b'mod attiv, filwaqt li jqajmu sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi relatati;
- Jimplimentaw id-dritt tat-tfal li jinstemgħu fid-deċiżjonijiet marbutin mal-ġustizzja u jippromwvu ġustizzja favur it-tfal, b'mod partikolari billi lit-tfal ituhom aċċess effettiv għall-proċeduri fil-qrati u ġudizzjarji.

### 3. **IKOMPLU JIŻVILUPPAW L-ARRANĠAMENTI MEĦTIEĠA TA' GOVERNANZA, IMPLIMENTAZZJONI U MONITORAĠĠ**

**Isaħħu s-sinerġiji bejn settur u ieħor u jtejbu l-arranġamenti ta' governanza** — Jiżguraw li l-politiki jindirizzaw b'mod effettiv il-faqar fit-tfulija u l-esklużjoni soċjali permezz ta' tfassil komprensiv u jtejbu l-koordinazzjoni fost l-atturi ewlenin:

- Jiżviluppaw rabtiet regolari u sistematiki bejn l-oqsma politiki ta' rilevanza għolja għall-inklużjoni soċjali tat-tfal u jsaħħu s-sinerġiji fost l-atturi ewlenin, b'mod partikolari fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-impjieg, is-saħħa, l-ugwaljanza u d-drittijiet tat-tfal;
- Jaħdmu biex idaħħlu l-politiki dwar it-tfal u d-drittijiet tagħhom f'politiki ewlenin, pereżempju permezz ta' arranġamenti istituzzjonali speċifiċi;
- Jippromwovu kooperazzjoni mill-qrib u djalogu regolari bejn l-awtoritajiet pubbliċi f'kull livell, l-imsieħba soċjali, il-komunitajiet lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
- Jappoġġaw u jkomplu jiżviluppaw l-involviment tat-tfal, anki fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

**Isaħħu l-użu ta' approċċi empiriċi** — isaħħu l-iżvilupp ta' politiki u tal-innovazzjoni tal-politika soċjali bbażati fuq il-provi, filwaqt li jiżguraw li jqisu l-impatt potenzjali tal-politiki fuq it-tfal:

- Jużaw bis-sħiħ l-istatistika u d-dejta amministrattiva eżistenti biex jissorveljaw l-impatt tal-politiki fuq it-tfal u l-familji tagħhom; jirrinforzaw il-kapaċità statistika (anki permezz ta' diżaggregazzjoni skont il-ġens) fejn ikun meħtieġ u jista' jsir, partikolarment fejn jikkonċerna l-privazzjoni tat-tfal, l-aċċess għall-kwalità u l-indukrar tat-tfal affordabbli, is-saħħa tat-tfal u l-qagħda tat-tfal l-iżjed vulnerabbli;
- Itejbu l-puntwalità tad-disponibbiltà tad-dejta biex jissorveljaw il-qagħda tat-tfal, u jippromwovu l-użu ta' metodi u mudelli bħall-mikrosimulazzjoni biex isostnu valutazzjoni *ex ante* aktar sistematika tal-impatt potenzjali tal-politiki fuq it-tfal;
- Isaħħu r-rabtiet bejn il-komunitajiet politiki u tar-riċerka u jittestjaw l-innovazzjonijiet politiki rilevanti; jinkoraġġixxu evalwazzjoni bbażata fuq il-provi tar-riżultati tal-programm, anki fuq medda ta' żmien twil b'għodda bħalma hu l-istħarriġ lonġitudinali; jippromwovu l-viżibbiltà u l-kondiviżjoni tar-riżultati;
- Jippromwovu l-iskambju tal-prattika tajba u tal-ġharfien, l-użu ta' mudelli li ġew ippruvati, miżuri li jrawmu s-solidarjetà fil-komunità inġenerali u jagħtu s-setgħa lill-komunitajiet lokali biex jaħdmu id f'id;

— Jevalwaw l-impatt tal-politiki temporanji introdotti b'reazzjoni għall-kriżi ekonomika qabel ma jiddeċiedu li jdaħħlu lil dawn il-politiki bħala parti mir-riformi strutturali.

### 4. **JUTILIZZAW BIS-SĦIĦ L-ISTRUMENTI RILEVANTI TAL-UE**

**Jindirizzaw il-faqar fit-tfulija u l-esklużjoni soċjali bħala kwistjoni ewlenija fl-Istrateġija Ewropa 2020** — Jimmobilizzaw is-sensjela ta' għodda u indikaturi disponibbli fl-Istrateġija Ewropa 2020 biex jagħtu impetu għid lill-isforzi konġunti biex jiġu indirizzati l-faqar u l-esklużjoni soċjali:

- Jistabblixxu l-faqar fit-tfulija u l-esklużjoni soċjali bħala kwistjonijiet ewlenin fl-Istrateġija Ewropa 2020 u fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma, bħala parti mill-isforz ġenerali biex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, filwaqt li jqisu r-Rakkomandazzjonijiet rilevanti Speċifiċi għall-Pajjiż adottati mill-Kunsill Ewropew;
- Jikkunsidraw, fejn jixraq, il-valur miżjud li jstabblixxu miri nazzjonali biex jitnaqqsu l-faqar fit-tfulija u l-esklużjoni soċjali, filwaqt li jqisu l-ispeċifitajiet nazzjonali;
- Jutilizzaw bis-sħiħ l-għodda li joffru l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-Metodu Miftuħ tal-Koordinazzjoni Soċjali biex itejbu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki li jindirizzaw il-faqar fit-tfulija u l-benessri tat-tfal, filwaqt li jużaw bis-sħiħ il-qafas ta' monitoraġġ propost ibbażat fuq l-indikaturi li huwa anness ma' din ir-Rakkomandazzjoni;
- Isaħħu s-sinerġiji mal-politiki tal-UE li huma rilevanti, b'mod partikolari fl-oqsma tal-edukazzjoni, tas-saħħa, tal-ugwaljanza tas-sessi u tad-drittijiet tat-tfal.

### **Jimmobilizzaw l-istrumenti finanzjarji rilevanti tal-UE**

— Jutilizzaw b'mod xieraq l-oportunitajiet li jipprovdu l-istrumenti finanzjarji tal-UE biex jappoġġaw il-prijoritajiet politiki deskritti hawn fuq:

- Jappoġġaw l-iżvilupp ta' aktar politiki li jkunu bbażati fuq il-provi u l-innovazzjoni soċjali permezz tal-Programm għat-Tibdil u l-Innovazzjoni Soċjali, il-Fond Soċjali Ewropew u Orizzont 2020, u jużaw dawn il-programmi biex jittestjaw, jevalwaw u jżidu l-innovazzjonijiet politiki possibbli;
- Jagħmlu użu sħiħ tal-Fond għall-Għajjnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (filwaqt li jieħdu ħsieb il-privazzjoni tal-ikel u materjali tat-tfal), l-Iskemi tal-Ħalib u l-Frott fl-Iskejjet Ewropej (li jipprovdu prodotti

- b'valur nutrittiv pożittiv u jinkoraġġixxu drawwiet tal-ikel tajbin) u l-Programm Erasmus għal Kulħadd (li jippromwovi l-aċċess tat-tfal għall-edukazzjoni, għat-tagħlim informali u għall-isport);
- Jutilizzaw l-opportunitajiet li jipprovdu l-Fondi Strutturali biex isostnu lit-tfal u lill-familji fit-tfassil tal-Fond Soċjali Ewropew u l-Programmi Operattivi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali tal-2014-2020, skont ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi;
  - Jutilizzaw l-obbjettivi tematiċi marbutin mal-promozzjoni tal-impjiegi u l-appoġġ tal-mobbiltà tal-ħaddiema, mal-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar, billi jinvestu fl-edukazzjoni, fil-ħiliet u fit-tagħlim tul il-ħajja, kif ukoll il-prijoritajiet tal-investiment fi ħdanhom. Dawn b'mod partikolari jinkludu l-edukazzjoni bikrija tat-tfal iż-żgħar; it-tnaqqis tat-tluq qabel il-waqt mill-iskola; il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; l-aċċess għas-servizzi, inklużi dawk tal-kura tas-saħħa u soċjali; strateġiji għall-iżvilupp lokali mmexxija mill-komunità; sostenn tar-riġenerazzjoni taż-żoni pprivati u t-tranżizzjoni minn servizzi istituzzjonali għal servizzi bbażati fil-komunità;
  - Biex jiżguraw li l-interventi tal-Fondi Strutturali 2014-2020 ikunu effettivi, isegwu strateġiji bbażati fuq il-provi biex inaqqsu t-tluq qabel il-waqt mill-iskejjel billi jinvolvu lill-partijiet interessati rilevanti u miżuri li jappoġġaw il-bidla minn kura istituzzjonali għal waħda bbażata fil-komunità;
  - Jippromwovu l-isħubija fl-ipprogrammar u fl-aċċess għall-Fondi Strutturali billi jinvolvu l-partijiet interessati rilevanti fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, b'mod partikolari, l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, biex jimobilizzaw l-azzjonijiet li jikkumbattu l-faqar fit-tfulija.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Frar 2013.

*Għall-Kummissjoni*  
László ANDOR  
*Membru tal-Kummissjoni*

### Qafas għall-monitoraġġ ibbażat fuq l-indikaturi

Il-qafas għall-monitoraġġ propost jenfasizza l-indikaturi li huma rilevanti għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni. Il-proposti għal aktar żvilupp qegħdin enfasizzati fl-annessi tal-Pakkett tal-Investment Soċjali.

### L-għan ġenerali li nikkumbattu l-faqar fit-tfulija u l-esklużjoni soċjali u nippromwovu l-benessri tat-tfal

Ewropa 2020	Definizzjoni	Tqassim	Sors	kuntest primarju/ sekondarju <sup>(1)</sup>	Kummenti
<b>Fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali tat-tfal (disaggregazzjoni tal-mira ewlenija dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali ta' Ewropa 2020)</b>	It-total tat-tfal li jgħixu f'unità domestika li hija fir-riskju tal-faqar u/jew hija pprivata mill-affarijiet materjali b'mod serju u/jew unità domestika b'intensità ta' xogħol baxxa ħafna (ara taħt għad-definizzjoni ta' dawn it-tliet indikaturi)	Skont l-età (0-17, 0-5, 6-11, 12-17)	Eurostat, UE-SILC	primarju	Huwa rakkomandat tqabbil mal-popolazzjoni tal-età tax-xogħol (18-64) u mal-popolazzjoni anzjana (65+)
Indikatur	Definizzjoni	Tqassim	Sors	kuntest primarju/se- kondarju	Kummenti
<b>Ir-rata tar-riskju tal-faqar għat-tfal (li għandha tiġi analizzata flimkien mal-valur tal-limitu tal-faqar fl-istandards tal-poter tal-akkwist għal unità domestika magħmula minn żewġ adulti u żewġ itfal taħt l-14-il sena)</b>	Il-proporzjon ta' tfal li jgħixu f'unità domestika b'introjtu disponibbli ekwivalizzat ta' inqas minn 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazżjonali	Skont l-età (0-17, 0-5, 6-11, 12-17) u t-tip ta' unità domestika	Eurostat, UE-SILC	primarju	Huwa rakkomandat tqabbil mal-popolazzjoni tal-età tax-xogħol (18-64) u mal-popolazzjoni anzjana (65+)
<b>Rata ta' privazzjoni materjali serja</b>	Il-proporzjon ta' tfal li jgħixu f'unità domestika li l-kundizzjonijiet ta' għajxien tagħha huma restritti serjament minn nuqqas ta' riżorsi, jiġifieri li għandhom mill-inqas erba' minn disa' ta' dan l-eleku ta' privazzjoni: persuni li ma jistgħux i) iħallsu l-kera jew il-kontijiet tas-servizzi bażiċi, ii) iżommu darhom sħuna biżżejjed, iii) iħallsu spejjeż mhux previsti, iv) jieklu laħam, ħut, jew l-ekwivalenti għal dawn fir-rigward ta' proteini darba iva u oħra le, v) jieħdu vaganza ta' ġimgħa l bogħod mid-dar, vi) jixtru karozza, vii) jixtru magna tal-ħasil, viii) jixtru televixin tal-kulur, jew ix) jaffordjaw telefown.	Skont l-età (0-17, 0-5, 6-11, 12-17)	Eurostat, UE-SILC	primarju	Huwa rakkomandat tqabbil mal-popolazzjoni tal-età tax-xogħol (18-64) u mal-popolazzjoni anzjana (65+)
<b>Proporzjon ta' tfal li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ħafna ta' xogħol</b>	Il-proporzjon ta' tfal li jgħixu f'unità domestika fejn l-adulti fl-età tax-xogħol (18-59) ħadmu inqas minn 20 % tal-potenzjal totali tagħhom matul l-aħħar sena (jiġifieri fil-perjodu ta' referenza tal-introjtu)	Skont l-età (0-17, 0-5, 6-11, 12-17)	Eurostat, UE-SILC	primarju	Huwa rakkomandat tqabbil mal-popolazzjoni tal-età tax-xogħol (18-64) u mal-popolazzjoni anzjana (65+)
<b>Indikatur tal-privazzjoni tat-tfal</b>	Qed jiġi diskuss		Eurostat, UE-SILC	m.a.	Qed jiġi żviluppat



Indikatur	Definizzjoni	Tqassim	Sors	kuntest primarju/sekondarju	Kummenti
<b>Varjazżjoni tar-riskju tal-faqar tat-tfal madwar il-limitu tar-riskju tal-faqar: Ir-rata tar-riskju tal-faqar ikkalkulata b'limiti ta' 50 % u 70 %</b>	Il-proporzjon ta' tfal li jgħixu f'unità domestika b'introjtu disponibbli ekwivalizzat ta' inqas minn 50 % u inqas minn 70 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali	Skont l-età (0-17, 0-5, 6-11, 12-17)	Eurostat, UE-SILC	sekondarju	Huwa rakkomandat tqabbil mal-popolazzjoni tal-età tax-xogħol (18-64) u mal-popolazzjoni anzjana (65+)
<b>Rata persistenti tar-riskju tal-faqar għat-tfal</b>	Proporzjon ta' tfal li jgħixu f'unità domestika b'introjtu disponibbli ekwivalizzat li qiegħed taħt il-limitu għall-faqar fis-sena kurrenti u f'mill-inqas tnejn mill-aħħar tliet snin	0-17	Eurostat, UE-SILC (lonġitudinali)	sekondarju	Huwa rakkomandat tqabbil mal-popolazzjoni tal-età tax-xogħol (18-64) u mal-popolazzjoni anzjana (65+)
<b>Ir-rata tar-riskju tal-faqar għat-tfal iffissat għal mument ta' żmien fiss</b>	Il-proporzjon ta' tfal li jgħixu f'unità domestika b'introjtu disponibbli ekwivalizzat ta' inqas minn 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali, fejn il-limitu huwa ffissat għal mument ta' żmien fiss	0-17	Eurostat, UE-SILC	kuntest	Huwa rakkomandat tqabbil mal-popolazzjoni tal-età tax-xogħol (18-64) u mal-popolazzjoni anzjana (65+)

## L-aċċess għal riżorsi adegwati

Indikatur	Definizzjoni	Tqassim	Sors	kuntest primarju/sekondarju	Kummenti
<b>Ir-rata tal-faqar għal dawk li qegħdin jaħdmu u jgħixu f'unitajiet domestiċi fejn hemm tfal dipendenti</b>	Il-proporzjon ta' individwi (bi tfal dipendenti) li huma ddefiniti li għandhom ix-xogħol u għandhom introjtu inqas mill-limitu għall-faqar (60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali)	Skont l-età (0-17, 18-64, 0-64); skont it-tip ta' unità domestika (ġenitur wieħed, żewġ adulti bit-tfal dipendenti)	Eurostat, UE-SILC	primarju	
<b>Ir-rata tar-riskju tal-faqar għat-tfal skont l-intensità tax-xogħol tal-unità domestika</b>	Il-proporzjon ta' tfal li jgħixu f'unità domestika b'introjtu disponibbli ekwivalizzat ta' inqas minn 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali skont l-intensità tax-xogħol fl-unità domestika	0-17, intensità tax-xogħol tal-unità domestika (għolja ħafna [0.85 - 1], għolja [0.85 - 1], medja [0.45 - 0.55], baxxa [0.2 - 0.45])	Eurostat, UE-SILC	primarju	
<b>Ir-rata tar-riskju tal-faqar għat-tfal f'unitajiet domestiċi li għandhom xogħol</b>	Il-proporzjon tat-tfal li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'introjtu inqas mill-limitu għall-faqar (60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali b'intensità ta' xogħol 'il fuq minn 0,2	Skont it-tip ta' familja	Eurostat, UE-SILC	primarju	

Indikatur	Definizzjoni	Tqassim	Sors	kuntest primarju/ sekondarju	Kummenti
<b>Id-distakk medjan relattiv għall-faqar tat-tfal</b>	Id-differenza bejn l-introjtu medjan ekwivalizzat tal-persuni li qegħdin taħt il-limitu tar-riskju tal-faqar u daww li qegħdin fil-limitu tar-riskju tal-faqar, espressa bħala perċentwal tal-limitu tar-riskju tal-faqar	0-17	Eurostat, UE-SILC	primarju	Huwa rakkomandat tqabbil mal-popolazzjoni tal-età tax-xogħol (18-64) u mal-popolazzjoni anzjana (65+)
<b>L-indukrar tat-tfal</b>	It-tfal li huma indukrati (b'arranġament formali minn persuna li mhijiex tal-familja) bħala proporzjon tat-tfal kollha tal-istess età	Taħt it-tliet snin, bejn it-tliet snin u l-età tal-iskola obbligatorja; Inqas minn 30 siegħa, 30 siegħa jew iżjed fil-ġimgħa	Eurostat, UE-SILC	sekondarju	Ir-rilevanza tat-tqassim skont il-kwintil tal-introjtu għadu jrid jiġi vvalutat
<b>L-impatt fuq l-impjeg meta wieħed ikun ġenitur</b>	Differenza fil-punti perċentwali (pp) bejn — ir-rata tal-impjeg ta' nies ta' bejn l-20 u d-49 li jgħixu f'unitajiet domestiċi fejn mhemmx tfal ta' taħt is-sitt snin u — ir-rata tal-impjeg ta' nies ta' bejn l-20 u d-49 li jgħixu f'unitajiet domestiċi fejn hemm almenu tifel/tifla ta' taħt is-sitt snin	Total, skont il-ġens	Eurostat - LFS	kuntest	Huwa rakkomandat li t-tfal ta' tliet snin jew inqas u daww ta' bejn it-tlieta u s-sitt snin jittieħdu b'mod separat
<b>Impjeg part-time minħabba responsabbiltajiet ta' indukrar</b>	Persuni impjegati part-time minħabba li jieħdu ħsieb it-tfal jew adulti inkapaċitati, bħala perċentwal tat-total tal-persuni impjegati	Total, skont il-ġens	Eurostat - LFS	kuntest	
<b>L-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar tat-tfal</b>	Id-differenza bejn ir-rati tat-tfal li huma fir-riskju tal-faqar qabel u wara t-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet)		Eurostat, UE-SILC	sekondarju	Huwa rakkomandat tqabbil mal-popolazzjoni tal-età tax-xogħol (18-64) u mal-popolazzjoni anzjana (65+)
<b>L-ispiża żejda tal-akkomodazzjoni</b>	Il-perċentwal tal-popolazzjoni li jgħixu f'unità domestika fejn l-ispejjeż totali tal-akkomodazzjoni (nett tas-sussidji fuq l-akkomodazzjoni) jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli totali tal-unità domestika (nett tas-sussidji fuq l-akkomodazzjoni)	Skont l-età (0-17, 0-5, 6-11, 12-17), l-istatus tal-faqar ('il fuq jew taħt il-limitu tar-riskju tal-faqar)	Eurostat, UE-SILC	sekondarju	Huwa rakkomandat tqabbil mal-popolazzjoni tal-età tax-xogħol (18-64) u mal-popolazzjoni anzjana (65+)

#### Aċċess għal servizzi ta' kwalità

Indikatur	Definizzjoni	Tqassim	Sors	primarju/ sekondarju	Kummenti
<b>L-edukazzjoni fetà żgħira</b>	Il-proporzjon tat-tfal ta' bejn l-erba' snin u l-bidu tal-edukazzjoni obbligatorja li qegħdin fl-edukazzjoni bikrija taż-żgħar	Skont is-Sess	UOE (?)	primarju	

Indikatur	Definizzjoni	Tqassim	Sors	primarju/ sekondarju	Kummenti
<b>Profiċjenza fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza</b>	Il-proporzjon ta' tfal ta' 15-il sena li għandhom marka ta' 1 jew inqas (fuq skala ta' bejn 1 (l-inqas) u 5 (l-ogħla)) fit-testijiet PISA	Skont il-kuntest tal-ġenituri (il-livell tal-edukazzjoni, il-pajjiż tat-twelid)	OECD - PISA (3)	primarju	Ma hemmx dejta disponibbli għal CY u l-MT fil-ġabriet tad-dejta kurrenti.
<b>Ir-rata (NEET) taż-żgħażaġh mhux impjegati, mhux fl-edukazzjoni jew ftahriġ</b>	Ir-rata (NEET) taż-żgħażaġh mhux impjegati, mhux fl-edukazzjoni jew ftahriġ	Skont il-ġens, 15-19	Eurostat - LFS	primarju	
<b>Żgħażaġħ li jtilqu mill-iskola u t-taħriġ qabel il-waqt</b>	Il-popolazzjoni ta' bejn it-18 u l-24 b'massimu ta' edukazzjoni sekondarja li mhumiex jieħdu sehem fedukazzjoni għolja jew ftahriġ	Skont il-ġens, l-ogħla livell edukattiv komplut	Eurostat - LFS	sekondarju	
<b>Bżonn ta' kura medika mhux sodisfatt iddikjarat mill-persuna</b>	Il-proporzjon ta' nies bejn l-etajiet ta' 16 u 25 li rrapportaw li ma setgħux jieħdu servizzi mediċi minħabba l-ispejjeż, id-distanza jew l-għadd ta' nies jistennew il-kura		Eurostat, UE-SILC		
<b>Imwiet tat-trabi</b>	Il-proporzjon ta' matul is-sena tal-għadd ta' mwiet ta' trabi ta' inqas minn sena mkejjel mal-għadd ta' trabi li twieldu ħajjin fdik is-sena (espress għal kull 1 000 twelid ta' trabi ħajjin)	Skont l-SES tal-ġenituri (qed jiġi żviluppat)	L-Eurostat	primarju	
<b>Il-mortalità tat-tfal ta' bejn is-sena u l-14-il sena</b>	Rata tal-imwiet għal kull 100 000 ta' popolazzjoni		L-Eurostat		
<b>Piż baxx mat-twelid</b>	Piż mat-twelid ta' inqas minn 2 500 grammi (5,5 libbri)		WHO-OECD	primarju	
<b>Is-Saħħa Mentali</b>	Żgħażaġħ ta' bejn il-15 u l-24 sena b'sindromu ta' depressjoni	Skont il-ġens	Eurostat - EHIS	kuntest	Qed jiġi żviluppat
<b>Kopertura ta' tilqim</b>	Il-perċentwal tat-trabi li, sakemm jaslu biex jagħlqu sena fis-sena kalendarja kkonċernata, hađu t-tilqim kollu kontra l-pertosse (is-sogħla konvulsiva), id-diftirja, it-tetnu (DPT) u l-poljomelite. U l-perċentwal tat-trabi li, sakemm jaslu biex jagħlqu sentejn fis-sena kalendarja kkonċernata, hađu t-tilqim kollu kontra l-ħożba, il-gattone, u l-ħożba Ġermaniża (MMR).		WHO	kuntest	
<b>L-obeżità</b>	Żgħażaġħ ta' bejn il-15 u l-24 sena b'indiċi tal-massa ta' xaħam fil-ġisem ta' 30 jew aktar	Skont il-ġens u l-SES tal-ġenituri	Eurostat - EHIS (4)	kuntest	
<b>Dawk li jpejpu b'mod regolari</b>	Il-proporzjon tal-popolazzjoni minn dawk li għandhom età bejn il-15 u l-24 li jpejpu s-sigarretti kuljum	Skont il-ġens u l-SES tal-ġenituri	Eurostat - EHIS	kuntest	

Indikatur	Definizzjoni	Tqassim	Sors	primarju/ sekondarju	Kummenti
<b>Kawżi tal-imwiet ta' żgħażaġh — suwiċidju</b>	Imwiet ikkawżati mis-suwiċidju għal kull 100 000 abitant ta' bejn il-15 u l-24 sena	Skont il-ġens	Eurostat – statistika dwar il-kawżi tal-imwiet	kuntest	
<b>Privazzjoni mill-akkomodazzjoni</b>	Il-perċentwal tal-popolazzjoni pprivata minn kull oġġett ta' privazzjoni tal-akkomodazzjoni. L-oġġetti inkwistjoni huma: 1) saqaf inixxi, ħitan/art/pedamenti nidjin, jew l-art jew it-twieqi (tal-injam) qed jitmermru; 2) nuqqas ta' banju jew xawer fid-dar 3) nuqqas ta' tojlit li jifflaxxa għall-użu biss tal-abitanti tad-dar; 4) problemi tad-dar: mudlama, m'hemmx biżżejjed dawl	Skont l-età (0-17, 0-5, 6-11, 12-17), l-istatus tar-riskju tal-faqar ('il fuq mil-limitu jew taħtu)	Eurostat, UE-SILC	primarju	
<b>Affollament eċċessiv</b>	Il-perċentwal tal-popolazzjoni li jgħixu f'dar iffollata ż-żejjed. Persuna tkun meqjusa li qiegħda tgħix f'dar li hi ffullata ż-żejjed jekk f'din id-dar m'hemmx għadd minimu ta' kmamar ekwivalenti għal: — kamra waħda għall-familja; — kamra waħda għal kull koppja; — kamra waħda għal kull persuna waħedha li jkollha 18-il sena jew iżjed — kamra waħda għal tnejn min-nies waħedhom tal-istess sess u ta' etajiet bejn it-12 u s-17-il sena; — kamra waħda għal kull persuna waħedha ta' sess differenti u ta' età bejn it-12 u s-17-il sena; — kamra waħda għal tnejn minn nies li għandhom inqas minn 12-il sena.	Skont l-età (0-17, 0-5, 6-11, 12-17), l-istatus tar-riskju tal-faqar ('il fuq mil-limitu jew taħtu)	Eurostat, UE-SILC	primarju	

(<sup>1</sup>) L-indikaturi primarji huma l-indikaturi ewlenin li jkopru l-oqsma ġenerali li tqiesu li huma l-elementi l-aktar importanti, filwaqt li l-indikaturi sekondarji jsostnu lill-indikaturi ewlenin billi jiddeskrivu f'aktar dettall in-natura tal-problema jew billi jiddeskrivu dimensjonijiet oħrajn tal-problema. L-indikaturi tal-kuntest jipprovdu aktar dettall u informazzjoni kuntestwali: il-lista proposta hija indikattiva u tħalli lok għal informazzjoni kuntestwali oħra li hija meqjusa bħala rilevanti biex tpinġi u tfehem aħjar il-kuntest nazzjonali.

(<sup>2</sup>) Il-bażi tad-dejta tal-UNESCO/OECD/EUROSTAT dwar l-istatistika tal-edukazzjoni.

(<sup>3</sup>) [http://www.oecd.org/statisticsdata/03381.en\\_2649\\_35845621\\_1\\_119656\\_1\\_1\\_1.00.html](http://www.oecd.org/statisticsdata/03381.en_2649_35845621_1_119656_1_1_1.00.html).

(<sup>4</sup>) EHIS huwa l-Istħarriġ b'Intervisti dwar is-Saħħa tal-Ewropej, ('European Health Interview Survey')